# WIDNET IL-BAĦAR:
## il-pjanta nazzjonali

*Darrin T. Stevens*

Widnet il-Baħar hija pjanta magħrufa mhux ħażin minħabba li fl-1971 ġiet iddikjarata l-pjanta nazzjonali. Minħabba li mid-dinja kollha tikber biss fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex, din il-pjanta titqies endemika. Din il-pjanta, li hija waħda mill-aktar pjanti sbieħ u uniċi tal-gżejjer tagħna, tikber ma' l-irdumijiet li jagħtu għal fuq il-baħar, mill-irdum fl-ilbiċ u l-punent ta' Malta u Għawdex (bħal f'Wied iż-Żurrieq, l-irdum ta' Ħad-Dingli u Fomm ir-Riħ f'Malta; u f'Ta' Ċenċ, fid-Dwejra u fix-Xlendi f'Għawdex). Widnet il-Baħar ma tikbirx fl-irdum ta' Kemmuna. Aktarx dan minħabba li l-irdumijiet ta' Kemmuna jinħakmu mir-riħ u mix-xemx b'mod differenti minn kif dawn jaħkmu l-gżejjer ta' Malta u Għawdex: l-irdumijiet ta' dawn il-gżejjer fejn tikber Widnet il-Baħar jinsabu fuq il-punent u n-nofsinhar tal-gżejjer, filwaqt li l-irdum fejn tista' tikber Widnet il-Baħar fuq Kemmuna qegħdin iħarsu f'direzzjoni differenti jew inkella huma aktar imkennija mix-xemx u mir-riħ. Normalment Widnet il-Baħar tikber fuq blat tal-qawwi, il-blat li jifforma rdumijiet, għalkemm xi drabi tikber ukoll aktar 'il ġewwa, kemm-xejn aktar 'l bogħod mill-baħar, fuq blat tal-franka.

Widnet il-Baħar hija arbuxxell żgħir li jħaddar is-sena kollha, għal-hekk hija pjanta perenni. Hija għand-ha weraq imlaħħam li għandu forma ta' manku ta' mgħarfa. Jingħad li dan



*L-inħawi madwar il-kosta fejn tikber widnet il-baħar.*

*Widnet il-baħar ma' l-irdum ta' Ħad-Dingli.* ➤

*ritratt: Alfred E Baldacchino*



il-weraq jittiekel, għalkemm dan qatt ma ġie ppruvat. It-tarf tal-weraq huwa ġeneralment lixx, għalkemm xi pjanti, l-aktar bħal dawk li jikbru f'Ta' Ċenċ u fix-Xlendi f'Għawdex, il-weraq għandu qisu snien matul it-tarf tiegħu. Il-botaniku Taljan A. Fiori fl-1907 kien sejjaħ dawn il-pjanti bħala l-varjetà *serratifolia,* jiġifieri varjetà ta' Widnet il-Baħar li għandha weraq bis-snien.

Widnet il-Baħar twarrad minn tmiem Mejju sa Lulju. Imma, f'kundizzjonijiet tajba, twarrad aktar tard ukoll, hekk li nistgħu nsibuha twarrad f'Settembru jew fl-eqqel tax-xitwa, ngħidu aħna għall-ħabta ta' Jannar u Frar, għalkemm dan hu xi ftit rari. Il-fjuri ġeneralment ikollhom kulur maġenta, lewn roża li jagħti fil-vjola. Permezz ta' dan il-kulur tiġbed xi insetti biex idakkruha. Wara li l-fjur




*Iż-żerriegħa ta' widnet il-baħar*

ikun iddakkar, il-pjanta tipproduċi żerriegħa li tissejjaħ *akena*: tip ta' frotta żgħira u niexfa li ma tinfetaħx u b'żerriegħa żgħira u rqiqa li jkollha ftit xagħar fin (*pappus*) fit-tarf tal-frotta li tgħin liż-żerriegħa tinġarr mir-riħ. Fil-fatt, iż-żerriegħa tinxtered l-aktar permezz tar-riħ, imma jista' jkun ukoll li xi annimali żgħar, bħan-nemel, iġorruha 'l bogħod mill-pjanta wkoll.

L-isem Malti ta' din il-pjanta, Widnet il-Baħar, jidher li huwa mnissel mill-isem ta' pjanta oħra li tixbaħha: il-Widna, pjanta tax-xagħri ċkejkna li għandha weraq forma ta' manku ta' mgħarfa għalkemm mhux imlaħħam bħalma hu ta' Widnet il-Baħar. Il-pjanta nazzjonali kellha minn ta' l-anqas tliet ismijiet xjentifiċi: l-ewwel wieħed ingħata mill-botaniku Malti Stefano Żerafa fl-1827. Dan il-botaniku, li kien l-ewwel wieħed li nduna li din il-pjanta kienet tgħix biss f'Malta, sejħilha *Centaurea spathulata*, fejn *spathulata* tfisser għamla ta' mgħarfa minħabba l-forma tal-weraq tagħha. Peress li dan l-isem kien diġà ngħata lil pjanta oħra fl-Italja, il-botaniku Taljan A. Bertoloni sejħilha *Centaurea crassifolia* fl-1829. *Crassifolia* tirreferi għall-weraq oħxon u mlaħħam ta' din il-pjanta. Iżda llum, din il-pjanta hija magħrufa bl-isem ta' *Palaeocyanus crassifolius*, minħabba li meta fl-1975 il-botaniku Ċekoslovakk Josef Dostàl studjaha, induna li hija pjanta kemmxejn

primittiva, u għalhekk ħoloq il-ġeneru *Palaeocyanus* għaliha. L-isem *Palaeocyanus* jirreferi għal fatt li l-pjanta ilha tgħix sa mill-qedem u aktarx hija l-ixjeħ rappreżentant ħaj tal-grupp ta' pjanti li tagħmel parti minnu. Fost il-karatteristiċi ta' din il-pjanta hemm li hija perenni (pjanta li ma tgħix għal sena waħda biss, iżda li tgħix minn sena għal sena); li għandha l-weraq imlaħħam, il-post fejn tikber, u kif tikber; u li hija fjura bla xewk, kontra kif inhuma l-biċċa l-kbira tal-pjanti li qegħdin fl-istess grupp.

Minn dawn il-karatteristiċi jingħad li widnet il-baħar hija pjanta li ilha tikber f'Malta sa 'l fuq minn 1.6 miljun sena ilu. Din ix-xitla jista' jkun li kienet tgħix ukoll miljuni ta' snin ilu fil-Mediterran ta' dak iż-żmien, imma wara Żmien is-Silġ baqgħet tgħix biss fil-gżejjer Maltin.

Sfortunatament, widnet il-baħar, bħal bosta pjanti u annimali oħra, illum qiegħda tonqos. Pjanti ġodda rari jidhru, anke minħabba li xi xgħat tal-baħrija huwa magħruf li jattakka l-frott ta' din il-pjanta waqt li dan ikun qed jiżviluppa. Xi popolazzjonijiet inqerdu wkoll meta rdumijiet sħaħ waqgħu l-baħar minħabba l-barrieri qrib tagħhom, jew minħabba qatran u żejt li twaddab mill-vandali f'xi rdum ta' Malta. Periklu serju ieħor huwa t-tidħil ta' pjanti mhux Maltin, l-hekk imsejħa aljeni, bħas-Swaba' tal-Madonna jew Xuxet San Ġwann, l-Agave u l-Bajtar tax-Xewk li qegħdin bil-mod il-mod jieħdu post il-komunità ta' pjanti endemiċi li jikbru fl-irdum tagħna. Minħabba dawn ir-raġunijiet, Widnet il-Baħar illum hija kkunsidrata pjanta rari fid-dinja kollha u hija wkoll imniżżla fil-ktieb l-aħmar ta' pjanti mhedda fid-dinja li ġie ppublikat fl-1998 mill-*World Conservation Union* (*Red Data List of Globally Threatened Plants - 1997 IUCN*).

Widnet il-baħar ġiet imħarsa bil-liġi permezz ta' regolamenti li ħarġu f'Avviż Legali 49 ta' l-1993, maħruġ mid-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent. Permezz ta' dawn ir-regolamenti, illum ħadd ma jista' jaqla' jew jaqta' biċċiet minn din il-pjanta jew b'xi mod ieħor jagħmillha xi ħsara. Barra min hekk, widnet il-baħar ma tistax tinbiegħ jew tiġi esportata mingħajr il-permess tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent.

Fit-18 ta' Settembru 1971, widnet il-baħar dehret fuq żewġ bolol: waħda kienet taż-żewġ soldi u l-oħra tax-xelin u nofs. Fis-sett ta' erba' bolol, minbarra dawn it-tnejn, kien hemm tnejn oħra li juru l-merill, l-għasfur nazzjonali. Minbarra hekk widnet il-baħar kienet dehret ukoll fuq il-karta tal-lira. Widnet il-baħar hija wkoll l-emblema tas-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura.

Barra minn hekk, wara li din ix-xitla ġiet iddikjarata pjanta nazzjonali, id-Dipartiment ta' l-


L-Għanżalor
L-Alaternu
Il-Fula tal-Klieb
Ir-Randa
Is-Siġra tal-Virgi
Id-Deru
AMBJENT
Dipartim


Il-Ġenista Safra
Ir-Riħan
Is-Siġra ta' Ġuda
Il-Lewża
IS-SIĠAR
MALTIN
jgħinuna
nsebbħu pajjiżna
ent għall-Ħarsien ta' l-Ambjent
(Novembru 1998)

Agrikultura nieda pjan għat-taħwil tagħha fil-ġonna, fit-toroq u fl-iskejjel pubbliċi, u llum wieħed jista' jiltaqa' magħha mhux biss f'xi rdumijiet, bħal ta' Wied Babu u Ta' Ċenċ, imma wkoll f'xi ġonna bħal ta' l-Argotti, ta' Sant' Anton u fil-Ġonna ta' l-Università. Dan kien possibli minħabba li widnet il-baħar titkattar faċilment permezz tal-biċċiet.

Żgur illi aħna minn naħa tagħna rridu nagħmlu kull ma nistgħu biex inħarsu din il-pjanta, kif ukoll pjanti oħra endemiċi ta' l-irdum, bħall-Bjanka ta' l-Irdum u s-Sempreviva ta' Għawdex, biex il-ġenerazzjonijiet ta' warajna jkunu jistgħu jammiraw is-sbuħija li l-pjanti jagħtu lill-ambjent naturali tagħna. o




*Is-sett ta' erba' bolol li ħareg fit-18 ta' Settembru 1971, li juru Widnet il-Baħar, il-pjanta nazzjonali; u l-Merill, l-għasfur nazzjonali.*